# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Lulju, 2021**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 269/2016 JVC**

**Avukat Larry Formosa (K.I. Nru. 2587G) ghan-nom u in rappreżentanza tal-inkapacitata Jacqueline Seisun (K.I. Nru. 192371M**

**vs**

**Simon Mallia (56669M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-inabilitata Jacqueline Seisun ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attriċi Jacqueline Seisun ilha snin twal tbgħati minn disturbi psikotiċi kroniċi u fis-6 ta' Diċembru 2015 hija ġiet inabilitatà permezz ta' digriet numru 1152/2015 (digriet anness u mmarkat "Dok. JS 1").

2. Illi f'xi żmien qabel is-sena 2007, il-konvenut Simon Mallia daħal f'relazzjoni adultera u abbanduna lill-attriċi martu u lill-bintu li dak iż-żmien kienet għadha minuri.

3. Illi minkejja li l-konvenut kien jaf li l-attriċi kienet tbgħati mid-disturbi sureferiti u minkejja l-vulnerabiltà mentali tagħha u l-inkapaċità li tikkuntratta, il-kontendenti fil-11 ta' Diċembru 2007 daħlu f'kuntratt ta' separazzjoni (kopja annessa u mmarkata "Dok. JS 2").

4. Illi sussegwentament il-konvenut Mallia sforza l-bejgħ tad-dar matrimonjali (kopja ta' rikors anness u mmarkat "Dok. JS3") u permezz ta' digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Lulju 2010 fuq rikors tal-konvenut stess ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 2 ta' Settembru 2010 għall-bejgħ tad-dar matrimonjali fuq imsemmija u dan wara li ġiet stmata li tiswa mitejn elf Ewro (€200,000).

5. Illi l-konvenut Mallia akkwista permezz tas-subbasta l-fond hawn fuq imsemmi għall-prezz ta' mitt elf u ħames mitt ewro (€100,500) – (dan hekk kif jixhed id-dokument anness u mmarkat "Dok. JS 4").

6. Illi tul dawn il-proċeduri kollha intbgħatu sitt ittri uffiċjali mill-konvenut Simon Mallia lill-attriċi u dan ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

A. <u>L-ewwel waħda</u> datata 10 ta' Novembru 2008 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tmintax il-elf erbgħa mija u tnejn Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€18,402.26) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 5";
B. <u>It-tieni waħda</u> datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u sittin ewro u tmenin ewro ċenteżmu (€23,060.80) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 6";
C. <u>It-tielet waħda</u> datata 14 ta' Mejju 2009 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' tnejn u għxorin elf mija u disgħa u għoxrin ewro u ħames ċenteżmi (€22,129.05) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 7";
D. <u>Ir-raba' waħda</u> datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48) – Annessa u mmarkata "Dok JS 8";
E. <u>Il-ħames waħda</u> datata 27 ta' Jannar 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' dsatax il-elf mija u ewro u tmenin ċenteżmu (€19,101.08) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 9"; u
F. <u>Is-sitt waħda</u> datata 12 ta' Marzu 2010 tirreklama l-ħlas tas-somma ta' wieħed u għoxrin elf erbgħa mija u tletin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€21,430.48) – Annessa u mmarkata "Dok. JS 10".

7. Illi minħabba li l-attriċi ma kinitx mentalment kapaċi tieħu ħsieb u kura ta' ħwejjiġha u tal-affarijiet tagħha l-konvenut ottjena titolu eżekuttiv kontra tagħha.

8. Illi dawn l-ittri uffiċjali intbgħatu b'mod abbużiv għall-aħħar. Il-konvenut Mallia kien pjenament konxju bil-qagħda psikoloġika tal-attriċi u inqeda bil-proċeduri tant b'saħħithom

tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi darba li kkanonizza l-kreditu naxxenti minn dawn l-ittri uffiċjali l-konvenut Mallia daħħal rikors fejn talab li l-Qorti tapprova l-kompensazzjoni magħmula b'ċedola li ġiet ippreżentanta kontestwalment (ara dokumenti annessi u mmarkati "Dok. JS 11" u "Dok. JS 12"). Din it-talba ġiet milqugħa (ara dokument anness u mmarkat "Dok. JS 13").

10. Illi sussegwentament il-konvenut Mallia intavola talba għall-iżgumbrament tal-attriċi mid-dar matrimonjali - Ċitazzjoni Numru 106/2011 JA fejn frott l-istat intelletwali tagħha l-istess attriċi naqqset milli tipparteċipa f'dawn il-proċeduri u baqgħet kontumaċja fihom u konsegwentament l-attriċi ġiet ordnata tiżgombra minn ġewwa l-fond fi żmien tlett xhur (kopja informali tas-sentenza annessa u mmarkat "Dok. JS 14").

11. Illi wara li t-terminu ta' tlett xhur skada, l-attriċi spiċċat inħarġet bil-forza minn ġewwa l-fond matrimonjali mill-forzi tal-ordni. Hi għada sal-lum il-ġurnata ma tistax tikomprendi x'ġara u kif spiċċat imkeċċija mid-dar matrimonjali.

12. Illi essenzjalment permezz ta' dawn il-proċeduri l-attriċi ġiet sfruttata minn żewġha a vantaġġ tiegħu stess u konsegwentament spiċċat bla saqaf fuq rasha u mingħajr ċenteżmu. Illum qed tgħix flimkien ma bintha, żewġ ħutha oħra u mall-ġenituri anzjani tagħha.

13. Illi mis-sena 2007 sall-lum il-konvenut naqas li jagħti manteniment lill-attriċi bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 16 tal-

Liġijiet ta' Malta li jgħid "il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, **li jmantnu lil xulxin** u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja".

14. Illi l-konvenut naqas ukoll milli jagħti manteniment lill-attriċi għat-trobbija ta' uliedhom u dan bi ksur tal-Artikolu 3B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Illi hija spiċċat unikament issostni lil bintha b'riżultat li dawn jinsabu fi stat ta' faqar.

16. Illi ġiet intavolata kawża fl-ismijiet Avukat Larry Formosa [K.I. 2587G] għan-nom u in rappreżentanza tal-inkapaċitatà Jacqueline Seisun [K.I. 192371M] vs Simon Mallia [56669M] Ref: 252/16LSO sabiex ai termini tal-Artikolu 525 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti li saru qabel l-inabilitazzjoni tal-attriċi jiġu annullati peress li r-raġuni tal-inabilitazzjoni kienet teżisti fiż-żmien li saru dawk l-atti kollha sureferiti. Dawn il-proċeduri għadhom pendenti.

17. Illi l-aġir tal-konvenut ġiegħel lill-attriċi issofri tremendament.

18. Illi r-rikorrenti jikkonferma li jaf bil-fatti hawn elenkati personalment, u li għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi r-rikorrenti umilment jilob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-aġir fuq imsemmi tal-konvenut huwa abbużiv u illegali fil-konfront tal-attriċi u kkaġunala ħsara materjali u psikoloġika;

2. Tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi bħala danni skond l-ewwel talba; u

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas il-kumpens dovut skond it-tieni talba.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Simon Mallia kif isegwi:

1. 'Illi primarjament l-azzjoni attrici hija nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat;

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal premess fil-gurnata tal-intavolar ta' dawna l-proceduri il-kuratur ma kellux il-fakoltajiet li jintavola proceduri hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

3. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kategorikament bl-ispejjez u dana ghar-ragunijiet segwenti u kif ser jigi pprovat mill-provi;

4. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal premess fil-gurnata tal-atti kollha indikati fir-rikors promutur l-imsemmija Jacqueline Seisun kellha l-pieni poteri mentali u intelletwali

taghha u dana apparti l-fatt li ma kienitx inabilita' jew interdetta;

5. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghal interdizzjoni ma saritx *ai* termini tal-ligi hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

6. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-interdetta kienet f'kapacita mentali fil-gurnata tal-ezekuzzjoni tal-atti hekk kif ser jigi pprovuat fil-mori tal-kawza;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.'.

Rat l-affidavits, xiehda, kontro-ezami, kuntratt, ittri ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, rikorsi, digrieti, sentenza, rapporti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tal-Avukat Larry Formosa ntavolat nhar l-1 ta' Gunju, 2016 fejn permezz tieghu talab li l-Qorti tissoprasjedi sakemm ikun hemm ezitu fil-kawza fl-ismijiet Avukat Larry Formosa noe vs. Simon Mallia rikors guramentat numru 252/2016 u rat ir-risposta tal-intimat Simon Mallia ntavolata nhar id-9 ta' Gunju, 2016;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016 Dr Larry Formosa talab li din il-kawza tinstema' flimkien ma' kawza ohra pendenti quddiem il-Qorti diversament preseduta, rat li Dr Josette Sultana rrimettiet ruhha, u rat li l-Qorti kif diversament preseduta dderigiet lid-difensur Dr Larry Formosa iressaq t-talba tieghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Dicembru, 2016 il-Qorti kif diversament preseduta tat digriet fejn ordnat li din il-kawza tinstema' ma' kawza ohra bir-rikors guramentat numru 252/2016;

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2017 fejn wara li Dr Larry Formosa talab lil Qorti tghaddi ghan-nomina ta' Psikjatra skont il-verbal tal-20 ta' Ottubru, 2016 u rat li Dr Josette Sultana qablet ghat-talba, il-Qorti ghaddiet sabiex innominat lil Dr Jean Pierre Giorgio sabiex jiddetermina l-kapacita' ta' Jacqueline Seisun ghal fini tal-kompetenza taghha fiz-zmien tal-kuntratt ta' separazzjoni u cioe' fil-11 ta' Dicembru, 2007 u kif ukoll jekk kellhiex il-kapacita' li toqghod fi proceduri gudizzjarji ghal fini tas-subbasta tad-dar li sar fit-2 ta' Settembru, 2010. Il-psikjatra nghata l-possibilita' li jiehu konjizzjoni tal-atti esebiti, kif ukoll jezamina lil Jacqueline Seisun, u jisma' dawk ix-xhieda li jidhirlu opportuni ghall-ahjar espletazzjoni tal-inkarigu tieghu, u jaghmel rapport wiehed fuq iz-zewg kawzi;

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar, 2018 a fol. 51 tal-process fejn il-Qorti ssostitwiet lil Dr Jean Pierre Giorgio bhala perit psikjatriku billi rrevokatlu l-inkarigu minghajr ebda hlas dovut u hatret minfloku lill-Profs David Mamo, fit-termini tad-digriet tal-21 ta' Marzu, 2017, a fol. 44 tal-process;

Rat ir-rapport tal-Perit Psikjatriku Profs David Mamo li gie ntavolat fil-kawza odjerna u li jinsab a fol. 58 tal-process u rat li l-Profs Mamo halef l-istess rapport nhar il-5 ta' Gunju, 2018;

Rat li Dr Sarah Pirotta Chircop Beck ghall-attur noe talbet sabiex din il-Qorti tinnomina Perit Tekniku sabiex jivvaluta l-fond Valentine, Nru 2 fi Triq Sir Arthur Borton, Mosta, jigi vvalutat ukoll kemm kienet tiswa d-dar fis-sena 2011 u cioe' fil-perijodu tal-izgumbrament u kemm hu l-valur tal-uzufrutt tal-post kemm ilha

barra, rat li Dr Josette Sultana opponiet ghal talba stante li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ppubblikat fl-2007 bl-intendiment li l-proprjeta' tinbiegh, saret is-subbasta bejn l-2010 u l-2011, kien hemm ukoll il-valutazzjoni tal-perit u l-atti kollha kienu gew awtorizzati bl-awtorita' tal-Onorabbli Qorti u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta fejn innominat lill-Perit Tekniku Godwin P. Abela biex jaghmel stima tal-proprjeta' skont kif mitlub, kif ukoll ir-'rental value' tal-fond mill-2011 kull tliet snin sallum;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela li gie ntavolat fil-kawza fl-ismijiet Avukat Larry Formosa noe -vs- Simon Mallia bir-rikors guramentat numru 252/2016 u li jinsab fl-atti a fol. 126 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-Avukat Larry Formosa a nom u in rapprezentanza tal-inabilitata Jacqueline Seisun qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-agir tal-intimat Simon Mallia huwa wiehed abbuziv u illegali fil-konfront tal-inabilitata' Jacqueline Seisun u konsegwenza tieghu kkagunala hsara kemm materjali, kif ukoll psikologika. Jitlob ukoll li jigi likwidat kumpens dovut lill-attrici bhala danni u konsegwentement jigi kkundannat ihallas tali kumpens.

Da parti tieghu l-intimat Simon Mallia eccepixxa li l-azzjoni attrici hija wahda nulla minhabba rritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat. Eccepixxa wkoll li l-kuratur l-Avukat Larry Formosa fil-gurnata tal-intavolar ta' dawn il-proceduri ma kellux il-fakultajiet li jintavola proceduri hekk kif ser jigi ppruvat. Fil-mertu jeccepixxi li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti kategorikament bl-ispejjez. L-intimat eccepixxa wkoll li fil-gurnata tal-atti kollha ndikati fir-rikors promotur, l-imsemmija Jacqueline Seisun kellha l-pieni poteri mentali u intellettwali taghha u dan apparti li ma kinitx inabilitata jew interdetta. Eccepixxa li t-talba ghall-interdizzjoni ma saritx ai termini tal-ligi hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Finalment eccepixxa li l-interdetta kienet f'kapacita' mentali fil-gurnata tal-ezekuzzjoni tal-atti hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

**<u>L-ewwel eccezzjoni:</u>**

Illi l-Qorti tinnota li prattikament l-intimat Simon Mallia ressaq l-istess eccezzjonijiet tal-kawza bir-rikors guramentat numru 252/2016JVC. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu huwa eccepixxa li l-azzjoni attrici hija nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif imressqa fir-rikors guramentat.

Bhal fil-kawza l-ohra, l-intimat fl-atti ma ressaq l-ebda provi sabiex jissustanzja l-eccezzjoni tieghu u jipprova li l-azzjoni hija wahda nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet. Fin-nota ta' sottomissjonijiet lanqas ghamel referenza ghal din l-eccezzjoni.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-premessi, t-talbiet kif ukoll l-atti tal-kawza 252/2016 stante li l-provi f'kawza jghoddu fil-kawza l-ohra,

u setghet tinnota li m'hemm xejn li jwassal sabiex l-azzjoni tigi dikjarata nulla minhabba l-irritwalita' tat-talbiet.

Ikkunsidrat li min jallega jrid jipprova u fil-kaz odjern l-intimat Simon Mallia ma ressaq xejn li juri li effettivament hemm l-irritwalita' tat-talbiet, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-intimat.

**__It-tieni eccezzjoni u l-hames eccezzjoni:__**

Fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-intimat Simon Mallia eccepixxa li fil-gurnata tal-intavolar ta' dawn il-proceduri, il-kuratur ma kellux il-fakultajiet li jintavola proceduri. Fil-hames eccezzjoni jeccepixxi li t-talba ghall-interdizzjoni ma saritx ai termini tal-ligi hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Jigi nnutat li fil-hames eccezzjoni l-intimat ghamel referenza ghall-interdizzjoni meta l-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja laqghet it-talba ghall-inabilitazzjoni ta' Jacqueline Seisun u mhux l-interdizzjoni taghha.

Illi l-intimat Simon Mallia ghal darba ohra ma ressaqx provi dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet u lanqas ghamel accenn ghalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ntavolata nhar it-13 ta' Mejju, 2021.

Mill-atti jirrizulta li l-Avukat Larry Formosa ntavola rikors nhar l-1 ta' Dicembru, 2014 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) bin-numru 1146/14 liema rikors gie dekretat finalment nhar is-6 ta' Dicembru, 2015 (ara digriet a fol. 8 tal-process) fejn il-Qorti ddecidiet kif isegwi:

> '... Ghaldaqstant tilqa' t-talba u tordna li **Jacqueline Seisun** (K.I. 192371M) ta' "Valentine" Triq Sir Arthur Burton Mosta izda li toqghod f'122, "Joskate" Carmel Street Zurrieq, tigi

inabilitata ai termini tal-**artikolu 524(1) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** milli toqghod f'kawza, taghmel transazzjonijiet, tissellef flus, tircievi kapitali, tehles lil haddiehor minn obbligi, tittrasferixxi jew tipoteka l-beni taghha, jew milli taghmel atti ohra mhux ta' semplici amministrazzjoni, minghajr l-assistenza tal-kuratur hawn mahtur.

Tinnomina lill-**Avukat Larry Formosa (KI 2587G)** bhala kuratur sabiex jassisti lill-inabilitata fl-atti hawn fuq imsemmija kif elenkati fl-imsemmi art. 524(1) tal-Kap. 12 skond il-Ligi u dan prevja li jobbliga ruhu fl-atti b'iskrizzjoni ta' Ipoteka Legali li jaqdi d-dmirijiet tieghu fl-interess tal-inabilitata.'

Illi l-Artikolu 524 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi kif isegwi:

'(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed għall-interdizzjoni, il-qorti tista' tordna b'digriet, jekk iċ-ċirkostanzi hekk ikunu jiħtieġu, li l-persuna, illi tagħha tintalab l-interdizzjoni, tiġi inabilitata milli toqgħod f'kawża, tagħmel transazzjonijiet, tissellef flus, tirċievi kapitali, teħles lil ħaddieħor minn obbligi, tittrasferixxi jew tipoteka l-beni tagħha, jew milli tagħmel atti oħra mhux ta' sempliċi amministrazzjoni, mingħajr l-assistenza ta' kuratur, li jiġi maħtur fl-istess digriet.'

Ghalhekk mill-atti jirrizulta li l-kuratur gie mahtur nhar is-6 ta' Dicembru, 2015 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata nhar l-4 ta' April, 2016 u ghalhekk bla ebda dubju l-kuratur l-Avukat Larry

Formosa agixxa meta huwa kien ilu mahtur bhala kuratur l-fuq minn erba (4) xhur. Ma jirrizultax li dak li qieghed jaghmel il-kuratur l-Avukat Larry Formosa b'xi mod huwa ta' pregudizzju jew mhux fl-interess tal-inabilitata'.

Dan premess, l-intimat Simon Mallia lanqas ressaq xi prova dokumentarja sabiex isahhah l-argument tieghu avanzat fil-hames eccezzjoni u cioe' li t-talba ghall-inabilitazzjoni ma saritx ai termini tal-ligi, b'dan li l-Qorti ghandha f'idejja biss id-digriet li minn ezami tieghu jirrizulta li t-talba ghall-interdizzjoni hija konformi mal-ligi. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li din il-hames eccezzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad kemm it-tieni u l-hames eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

Illi l-Qorti tissenjala li l-kawza odjerna mxiet mal-kawza fl-istess ismijiet fir-rikors guramentat numru 252/2016 JVC li ghandha bhala bazi taghha l-istess fattispecie tal-kaz odjern, liema rikors guramentat gie deciz kontestwalment llum stess. Il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghall-fatti u l-kunsiderazzjonijiet hekk kif esposti fil-kawza 252/2016 JVC u taghmilhom taghha wkoll fid-decizjoni odjerna.

Illi jigi nnutat li fil-kawza 252/2016 JVC, li ghadha kif appena giet deciza, din il-Qorti ddikjarat li l-atti kollha mill-ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru, 2008 bir-referenza numru 3413/2018 'il quddiem

huma nulli, nkluz l-atti tas-subbasta u tal-izgumbrament. Irrizulta wkoll li Simon Mallia sa mis-sena 2008 (b'referenza partikolari ghar-rikors datat 19 ta' Dicembru, 2008 (fol. 14) kien gia nfurmat li r-rikorrenti kienet qed tbati minn problemi psikologici tant li dan semmieh fir-rikors tieghu u nonostante dan ipproceda b'bumbardament ta' ittri ufficcjali ezekuttivi, subbasta u zgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti, meta din tal-ahhar ma kinitx legalment f'kundizzjoni li tirrispondi ghalihom. Il-Qorti tqis dan l-agir da parti tal-intimat Simon Mallia bhala wiehed abbuziv u llegali apparti li huwa deplorevoli ghall-ahhar li l-intimat aprofitta mill-istat mentali ta' martu sabiex hadilha sal-anqas centezmu li kellha. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat fl-atti taz-zewg kawzi li bl-agir tieghu, l-intimat Simon Mallia, kkaguna hsara materjali lir-rikorrenti Jacqueline Seisun.

Illi l-Qorti izda zzid li mill-atti taz-zewg kawzi jirrizulta li l-intimat isostni li l-fond matrimonjali llum huwa proprjeta' ta' terzi wara li dan gie mibjugh originarjament mill-intimat konsegwenza li dan il-fond sar proprjeta' tieghu wara l-atti tas-subbasta. Isegwi li la darba din il-Qorti fid-decizjoni bin-numru 252/2016 ddikjarat nulli wkoll l-atti tas-subbasta u wkoll l-izgumbrament tar-rikorrenti dan ifisser li t-titolu tal-intimat sabiex jitrasferixxi l-fond kien wiehed mhux validu fil-ligi stante li konsegwenza tal-istess decizjoni, nofs il-fond ghadu sal-lum proprjeta' tar-rikorrenti filwaqt li r-rikorrenti ghad ghandha l-jedd li tghix fih sakemm dan jinbiegh miz-zewg partijiet kif jinghad fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom.

Illi jinghad li bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-11 ta' Dicembru, 2007 kien hemm qbil fir-rigward id-dar matrimonjali u dan kien li l-fond ghandu jigi mibjugh ghall-prezz ta' mhux inqas minn €232,937.34. L-intimat Simon Mallia njora dan kollu u ghadda

sabiex ipproceda bl-intavolar tas-subbasta. Il-Qorti ser tikkwota *ad verbatim* il-parti l-aktar ta' rilevanza mill-kuntratt fejn jinghad illi:

> '11. Il-partijiet qeghdin jaqblu u jiftiehmu illi l-fond hawn fuq citat gja dar matrimonjali ghandu jinbiegh lil terzi ghall-prezz ta' mhux inqas minn mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) ekwivalenti ghal mitejn tnejn u tletin elf disa' mija sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu ta' l-Ewro (€232937.34) u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-komparenti partijiet wara li jithallas id-dejn gravanti l-istess fond u djun ohra li jista' ikun hemm. Il-mara ser tibqa' tghix fil-fond imsemmi sakemm dan jinbiegh lil terzi.
>
> Il-partijiet jaqblu illi l-imsemmija propjeta` ossia d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh vakanti u ghal dan il-ghan il-mara qeghdha tobligha ruhha fuq dan il-kuntratt illi tizgombra tali propjeta hekk kif jigi ppubblikat l-kuntratt finali tal-bejgh.
>
> Il-partijiet qeghdin jaqblu illi jekk xi wiehed jew wahda minnhom jirrifjuta milli jaghti l-kunsens tieghu sabiex jinbigh l-imsemmi fond ghall xi raguni illi mhux valida fil-ligi, jew jekk xi parti minnhom ma jersaqx jew tersaqx ghall-kuntratt finali, il-parti li tkun naqset milli taghmel dan tinkorri penali ta' mitt lira Maltin (Lm100) ekwivalenti ghal mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ta' l-Ewro (€232.94) ghal kull gurnata sakemm jingahta l-kunsens ghall-bejgh ta' din il-propjeta` jew sakemm ma jsirx il-kuntratt finali.'

Il-Qorti hi tal-fehma li stante li n-nullita ta' l-atti suesposti giet dikjarata llum stess u sabiex issehh gustizzja, tqis ghalhekk li ghandha tiehu bhala bazi ghad-danni sofferti mir-rikorrenti l-valur

tal-fond l-aktar qrib din id-decizjoni. Dan jirrizulta mir-rapport tal-Perit Godwin Abela li jirrelata li l-valur tal-fond lura fid-data tar-rapport datat l-1 ta' April, 2019 kien dak ta' tlett mitt Elf Euro (€300,000). Jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti hija ntitolata ghal danni ekwivalenti ghal nofs il-valur tal-fond fis-somma ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000), liema danni ma jkunux dovuti lir-rikorrenti biss f'kaz li l-fond jigi ritornat f'isimha (nofs sehem indiviz) u fil-pussess taghha b'mod immedjat malli z-zewg decizjonijiet tal-lum isiru *res judicata* u jkun jista' jigi mibjugh mill-partijiet f'ishma ugwali kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti izda tqis li din l-eventwalita' ftit li xejn hija realistika llum il-gurnata la darba l-fond sar proprjeta' ta' terzi, ghalkemm id-difett fit-titolu tat-terzi qieghed hemm.

In oltre l-ammont ta' danni likwidat fis-somma ta' mija u hamsin Elf Euro (€150,000) favur ir-rikorrenti jkopri wkoll danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-agir ta' Simon Mallia li abbuza ferm mis-sitwazzjoni tar-rikorrenti meta ntavola numru ta' ittri ufficcjali fit-termini tal-artikolu 166 A tal-Kap. 12 fil-konfront tar-rikorrenti, uhud minnhom anki fl-istess gurnata, meta kien jaf li r-rikorrenti ma kintix f'posizzjoni li taffaccja dawn il-proceduri u ntavola talba sabiex il-fond jinbiegh b'subbasta, u prattikament wara li gie awtorizzat li jhallas *animo compensandi* b'dak li <u>suppost</u> kellha ttih ir-rikorrenti, spicca ma hareg xejn minn butu sabiex akkwista l-fond u ghaddha biex bieghu lil terzi.

Il-Qorti rat ukoll li ghalkemm ir-rikorrenti f'xi partijiet fl-atti pretendiet xi likwidazzjoni ta' danni relatati ma' kera, jirrizulta mill-atti li effettivament ir-rikorrenti wara li giet zgumbrata dejjem ghexet mal-genituri taghha u ghalhekk ma sofrietx danni materjali relatati ma' hlas ta' kera.

Ghaldaqstant id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti jammontaw ghas-somma ta' mija u hamsin Elf Euro (€150,000).

Dan premess, ir-rikorrenti barra danni materjali titlob ukoll danni ghall-hsara psikologika li tghid li hija soffriet mill-agir abbuziv u llegali tal-intimat Simon Mallia. Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti Jacqueline Seisun giet inabilitata ghaliex kienet qieghda ssoffri mill-kundizzjoni ta' '*negative symptoms* ta' *schrizophrenia*'. Minn imkien ma jirrizulta li dawn is-sintomi gew ikkawzati mill-agir tal-intimat Simon Mallia. Ix-xhud Dr Joseph Spiteri fix-xiehda tieghu moghtija fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 fuq domanda tal-Qorti diversament preseduta spjega s-segwenti:

> '***Il-Qorti :***
> Li hija nahseb you born with that hux hekk?
>
> ***Ix-Xhud :***
> No, it develops.
>
> ***Il-Qorti :***
> It developes.
>
> ***Ix-Xhud :***
> Ehe. Jigifieri inti normalment tkun normali u usually it starts at about the age of early forties u and it progresses slowly, u jibda tara deterioration of personality. U l-personalita` tibda tigi very shallow; u meta tigi very shallow li jigri huwa li l-interess normali tal-hajja taghna jibda jispicca u tkun semplicement qed tezisti.'

Illi ghalhekk effettivament jirrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda danni psikologici konsegwenza tal-agir tal-intimat u

dan stante li jirrizulta li hija kienet gja affetta minn tali kundizzjoni u dak li ghamel l-intimat huwa li abbuza mill-posizzjoni li kienet tinsab fiha r-rikorrenti Jacqueline Seisun. Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad it-talba sabiex jigu likwidati danni relatati mal-istat mentali taghha.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni bhala sorvolata.

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Simon Mallia sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz.

3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat agixxa b'mod abbusiv u illegali fil-konfront tar-rikorrenti u kkagunala hsara materjali.

4. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti bħala danni materjali fl-ammont ta' mija u hamsin Elf Ewro (€ 150,000), u

5. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' mija u hamsin Elf Ewro kif hekk likwidata lir-rikorrenti (€150,000).

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat u bl-imghax skont il-ligi mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2021**